**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002**

**Numru 14**

**Avviz. Numru 1563/01JR**

**Maria Gauci**

**vs**

**Mobili Vergati Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u disa' liri Maltin u tletin centezmu (Lm909.30) liema flus huma kienu taw lis-socjeta` konvenuta sabiex din taghmel zewg (2) spare bedrooms skond kuntratt datat 4 ta' Gunju, 2001, anness mal-avviz u mmarkat Dok.A, liema xoghol pero` sal-lum ghadu lanqas biss beda jigi esegwit tanto meno lest;**

**Illi l-atturi interpellaw lis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra esebita u mmarkata bhala Dok.B sabiex tirrifondi l-flus mhallsa izda din baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**B'riserva ghall-kull azzjoni tad-danni spettanti lill-attrici.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Chris Busietta ghall-attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta  thallas lill-attrici l-ammont ta' disa' mija u disa' liri Maltin u tletin centezmu (Lm909.30) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**